# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 49/2018 RM**

**1) Mapfre Middlesea p.l.c (C-5553)**

**u**

**2) Quelin Pace**

**vs**

**1) Atlas Insurance PCC Ltd (C5601)**

**2) Rutger Sciriha**

**Illum, 16 ta' Ottubru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturi pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Marzu 2018 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu solidament bejniethom, jew min minnhom, lis-socjeta' rikorrenti Mapfre Middlesea plc u l-assigurat taghha Quelin Pace, is-somma ta' tnax–il elf u hames mitt ewro (€12,500) rapprezentanti d-danni kkawzati in segwitu ghall-incident stradali li sehh nhar l-5 ta' Novembru 2017 f'Birzebbugia bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBT 194 misjuqa minn Rutger Sciriha u koperta b'polza t'assigurazzjoni mahruga minn Atlas Insurance PCC Ltd u l-vettura bin-numru

ta' registrazzjoni QUE 148 misjuqa minn u propjeta' ta' Quelin Pace, u dan stante illi l-imsemmi incident gie kkawzat minn Rutger Sciriha minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi minkejja li l-intimati gew interpellati sabiex jaghmlu l-hlas relattiv huma baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez, u bl-imghax kummercjali mid-data tal-prezentata tal-prezenti sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-intimati, li huma min issa ngunti sabiex jidhru in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Rutger Sciriha li giet prezentata fis-17 ta' April 2018 fejn eccepixxa s-segwenti:

*"It-talbiet tas-socjeta' attrici Mapfre Middlesea PLC (5553) u ta' Quelin Pace huma inammissibbli u nfondati fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandhom jigi respinti bl-ispejjez kontra l-istess:*

*2. Fl-ewwel lok, fil-mertu, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat ta' tnax –il elf u hames mitt ewro (€12,500) mhuwiex dovut, stante li mhuwiex minnu li l-incident sehh tort tal-konvenut, jew inkella b'negligenza, traskuragni jew nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti di parti tieghu, ghalhekk huwa ma jahtix ghall-incident de quo.*

*3. fit-tieni lok, mighajr pregudizzju ghas-suespost u minghajr ebda forma ta' ammissjoni dwar responsabbilita' tal-istess, l-ammont mitlub qed jigi kkontestat;*

*4. fit-tielet lok, fil-mertu, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jehtiegilhom jipprovaw l-allegati danni minnhom subiti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi, 'lli huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat illi s-socjeta` konvenuta Atlas Insurance PCC Limited ghalkemm debitament notifikata, baqghet ma pprezentax risposta u f'ebda waqt tal-procediment ma kkontestat jew talbet li tikkontesta l-kawza;

Rat din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef b'effett mis-16 ta' Lulju 2019;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tat-18 ta' Gunju 2019;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna incident awtomobilistiku li sehh fil-5 ta' Novembru 2017 gewwa l-Hal Far Industrial Estate bejn il-vettura Opel bin-numru ta' registrazzjoni HBT-194 misjuqa mill-konvenut Rutger Sciriha, u l-vettura VW Golf misjuqa mill-attur Quelin Pace bin-numru ta' registrazzjoni

QUE-148, liema vettura kienet assikurata taht polza tat-tip *comprehensive* mas-socjeta` attrici MAPFRE Middlesea plc.

**PROVI**

**Stephanie Borg**, Claims supervisor mas-socjeta` attrici xehdet[1] illi l-vettura QUE- 148 hija assikurata taht polza tat-tip *comprehensive* mal-istess soċjeta` attriċi, li in konnessjoni mal-incident kienet hallset is-somma ta' €12,500 maqsuma f'żewġ ammonti: ammont wiehed gie mhallas lil Finance House peress illi l-klijent Quelin Pace kellu loan fuq il-vettura, u l-bilanc lill-istess Quelin. Ix-xhud qalet ukoll li kienu gabru s-somma ta' €800 valur tar-*wreck* tal-karozza, liema ammont ghandu jitnaqqas mill-ammont originali ta' €12,500, kif ukoll il-*policy excess* fis-somma ta' mitt Euro mhallas minn Quelin Pace, b'dan illi l-ammont finali dovut lis-soċjetà attrici huwa ta' €11,800.

**Quelin Pace**, ix-xufier tal-vettura QUE-148, xehed[2] illi huwa sid il-vettura QUE 148 tal-għamla Golf u din kienet inxurjata mal-Middlesea Insurance taht polza *comprehensive*. Huwa spjega illi fil-5 ta' Novembru 2017 kine sejjer lejn id-dar ġewwa Birżebbuġa u ra karozza illi kienet ipparkjata fuq in-naħa tax-xellug tieghu. Il-hin kien wara nofsinhar, wara t-tlieta. Kompla jghid illi peress li l-vettura l-ohra kienet ipparkjata, huwa ma tax kas u baqa' ghaddej fit-triq izda meta gie magenbha, qala' daqqa fuq quddiem għaliex din il-karozza saqet billi s-sewwieq ghamel u-turn quddiemu. Ix-xhud spjega illi dak il-hin infetħu l-airbags u qala' daqqa ohra. Il-karozza l-ohra huwa ma rahiex iddur.

Ix-xhud ikkonferma illi huwa ghamel claim dwar dan l-incident u hallas l-*excess* dovut lis-socjeta` attrici minnufih.

---

[1] 7 ta' Mejju 2018.
[2] 7 ta' Mejju 2018.

In kontro-ezami[3] l-istess Quelin Pace xehed illi huwa kien qed isuq direzzjoni lejn in-naħa tar-roundabout biex imur lejn id-dar, cioe` minn Ħal Far lejn Birżebbuġia, u nnota karozza fuq ix-xellug qieghda wieqfa u skont hu din kienet ipparkjata. Kompla jghid illi ghalhekk huwa kompla sejjer ghad-dritt izda f'sekonda ra l-fanal ta' din il-vettura dieħel għal ġol-karozza tieghu u ma seta jaghmel xejn biex jevita l-impatt mill-vettura l-ohra u minnufih infetħu l-airbags. Ikkonferma wkoll illi l-vettura tieghu bhala rizultat tal-impatt, spiccat fuq zewg vetturi ohrajn fuq in-naha tal-lemin tat-triq izda bl-airbag miftuh huwa ma seta' jara xejn izda jaf li ha daqqa ohra. Wiegeb ukoll illi fil-hin tal-ewwel impatt huwa kien ghaddej b'velocita` ta' bejn sittin u sebghin u f'ebda hin ma ra lill-vettura l-ohra taghmel xi manuvra qabel ra l-fanal ta' din il-vettura diehla fil-vettura tieghu.

**<u>PC118 Nicholas Christian Caruana</u>** xehed[4] illi huwa kien l-ufficjal li investiga l-incident tat-traffiku li seħħ fil-5 ta' Novembru 2017 ġewwa Triq Ħal Far, Birżebbuġa u P.S. 816 Sean Vassallo li kien mieghu meta investiga l-incident, kien ha wkoll il-verzjonijiet tal-partijiet involuti, liema verzjonijiet jinsabu mnizzlin fl-okkorrenza dwar dan l-incident (Dokument PC).

**<u>Stephen Gauci</u>** xehed[5] illi huwa jokkupa l-kariga ta' surveyor mas-socjeta` Middlesea u in konnessjon mal-incident mertu tal-kawza huwa kien irrediga Summary Report (Dokument MV[6]) u mistoqsi dwar id-daqqiet fil-vettura Volkswagen Golf bin-numru QUE-148, ix-xhud qal illi dawn kienu fuq iz-zewg nahat tal-vettura, u jibdew minn quddiem sejrin ghal wara. Ix-xhud ikkonferma wkoll illi huwa wasal ghall-valur dwar il-hsarat f'din il-vettura, li kienet assikurata mal-Middlesea, wara li ghamel il-verifiki biex jara jaqbilx mal-ammont. Qal illi l-ammont huwa wiehed gust u huwa rrakkomanda li din il-vettura ma tissewwiex ghaliex kienet *beyond economical repair*.

---

[3] 18 ta' Gunju 2019.
[4] 13 ta' Gunju 2018.
[5] 13 ta' Gunju 2018.
[6] Dan huwa l-istess dokument bhal dak esebit a fol. 2 *et seq*. tal-atti.

**<u>PS 816 Sean Vassallo</u>** xehed[7] illi huwa kien dahhal ir-rapport dwar l-incident tat-traffiku li sehh fil-5 ta' Novembru 2017 ghall-habta tal-4.45 p.m. gewwa Hal Far, u kien ha wkoll il-verżjoni tal-partijiet li kienu involuti f'dan l-inċident u nizzilha fl-okkorrenza relattiva (Dokument PC).

**<u>Wayne Cordina</u>** xehed[8] illi meta sehh l-incident mertu tal-kawza, huwa kien wahdu fil-vettura tieghu filwaqt li l-konvenut kien wahdu fil-vettura tieghu li hija Opel, u kienu t-tnejn ipparkjati mal-bankina fil-genb ta' triq gewwa Hal Far. Ix-xhud qal li hu kien ipparkjat hdejn il-vettura tal-konvenut, u zied jghid li l-konvenut kien sejjer jipparkja faccata biex jiccaqalqu l-postijiet biex ikun hemm spazju ghal kulhadd, u dan ghaliex kienu gejjin iktar nies. Qal ukoll li f'hin minnhom huwa ra vettura Golf tiela' fit-triq minn warajh, u kif huwa dar jisma' daqqa tajba, impatt qawwi u ra l-Golf timmolla fuq zewg vetturi ohrajn li kienu pparkjati fuq in-naha l-ohra tat-triq ftit lil hinn mill-vettura tal-konvenut, forsi tul ta' zewg karozzi 'l boghod minnha. Mistoqsi mill-Qorti ix-xhud ikkonferma illi huwa ma rax il-vettura Golf tiela' *wrong way* u qal ukoll li lahaq ra biss l-impatt bejn il-vettura Golf u l-vettura tal-konvenut u l-Golf tmiss maz-zewg vetturi l-ohrajn li kienu pparkjati.

In kontro-ezami, ix-xhud innega li l-konvenut kien qed jaghmel u-turn fit-triq u fisser li l-konvenut kien ser "*johrog normali barra idur mar-roundabout u jigi ghal faccata normali"* u dan ghaliex il-konvenut stess kien qallu li kien sejjer idawwar mar-roundabout u hu wkoll kien ser jaghmel l-istess manuvra. Ikkonferma, izda, illi r-roundabout li semma jinsab "*daqsxejn zghira boghod*" u kkonferma wkoll illi l-ewwel darba li ra l-Golf kienet meta sema' d-daqqa u hares.

---

[7] 13 ta' Gunju 2018.
[8] 30 ta' April 2019.

**<u>Il-konvenut Rutger Scriha</u>** xehed[9] illi huwa kien ipparkjat mal-genb fuq in-naha tax-xellug tat-triq u ma kienx ipparkjat sew, u ried jiccaqlaq biex jipparkja sew. Qal illi biex jaghmel dan, kien sejjer idur mar-roundabout biex imur hdejn shabu l-ohra. Il-konvenut spjega illi huwa startja l-karozza u hares, u meta ra li ma kien gej hadd huwa saq u hass daqqa. Qal illi fl-ebda mument ma ra l-vettura Golf gejja fit-triq u ma jafx minn fejn giet. Fuq mistoqsija tal-Qorti ikkonferma illi huwa qala' minn pozizzjoni wieqfa u dan biex imur mar-roundabout li kien iktar 'il quddiem fit-triq. Il-karozza l-ohra giet "*wara sekondi*" meta hu kien lahaq hareg mill-parking biex jibda jsuq, izda mbaghad jghid li l-impatt gara "*x'hin hrigt ezatt"*. Fuq is-site plan Dok. RS1, il-konvenut immarka b'salib blu l-pozizzjoni fejn kienet ipparkjata l-vettura tieghu qabel saq.

In kontro-ezami, il-konvenut ghalkemm accetta li t-triq in kwistjoni tippermetti li jdawwar facilment biex seta' jmur jipparkja fuq in-naha l-ohra tat-triq, innega li kien bi hsiebu jaghmel dik il-manuvra u kkonferma li kien sejjer idur mar-roundabout. Qal ukoll li l-vettura tieghu kienet ipparkjata thares lejn l-istess roundabout. Huwa fisser illi l-vettura l-ohra "*go fija rajtu*" u li fit-triq din il-vettura ma raha qatt, u jekk raha dan kien *a split of a second*, waqt li kienet diehla fil-vettura tieghu. Irribadixxa li ma jafx minn fejn kienet gejja din il-vettura.

Il-konvenut, fuq mistoqsija tal-Qorti, ikkonferma illi ma kienx hu li ghamel il-vlegga fuq Dok. RS1, izda madanakollu jaqbel dik il-vlegga tipponta fid-direzzjoni fejn xtaq imur jipparkja. Ikkonferma wkoll illi l-vettura l-ohra li habtet mieghu ma gietx mid-direzzjoni tar-roundabout u kkonferma wkoll li t-traffiku jghaddi fiz-zewg direzzjonijiet fit-triq fejn kien ipparkjat. Il-konvenut qal ukoll illi huwa baqa' fil-karreggjata tax-xellug u ma marx fil-karreggjata tan-naha l-ohra tat-triq, u ghalhekk jaqbel illi l-Golf QUE-148 dahlet go fih waqt li kien ghadu fil-karreggjata tax-xellug.

[9] 30 ta' April 2019.

Fuq mistoqsija tal-Qorti il-konvenut stqarr illi l-vettura l-ohra giet minn warajh izda habtet mieghu fuq in-naha ta' quddiem tal-vettura tieghu, u dan, skont il-konvenut, ghaliex il-vettura l-ohra x'aktarx ippruvat tiskapulah. Kompla jfisser, meta gie mistoqsi mill-Qorti, illi huwa ma kienx qabez in-nofs tat-triq meta sehh l-impatt u dak il-hin huwa kien qed jaqla' u allura l-vettura tieghu kienet qed tipponta mhux lejn ir-roundabout quddiemu izda ftit lejn ic-centru tat-triq. Qal ukoll li huwa kien vicin ic-centru tat-triq meta saret il-habta.

Il-konvenut rega' tenna li qabel saq huwa hares lura u ccekkja kollox, u qal li t-triq hija twila u tara kollox, tara hafna lura, u meta hu dar, ma ra xejn. Hu qala' d-daqqa fil-bieba ta' quddiem cioe` tax-xufier, u fuq il-mudguard u bumper tal-lemin u l-bonnet inqala' bid-daqqa.

**<u>RESPONSABBILITA` GHALL-INCIDENT</u>**

Il-Qorti rat l-atti u tqis illi l-isketch formali formanti parti mill-okkorrenza dwar dan l-incident, is-*site plan* Dok. RS1 kif ukoll ir-ritratti esebiti mill-konvenut[10] huma lkoll ta' siwi kbir biex jasssitu lill-Qorti sabiex tasal ghall-konkluzjonijiet taghha.

Ftit hemm ekwivoku dwar kif effettivament sehhet il-habta bejn il-vetturi tal-kontendenti. Fir-realta`, huwa evidenti li z-zewg partijiet fil-verzjonijiet rispettivi taghhom, jaqblu dwar id-dinamika tal-incident ghaliex filwaqt li Quelin Pace xehed illi waqt li kien tiela' ghad-dritt fit-triq, direzzjoni li lejn ir-roundabout, harget vettura minn pozizzjoni wieqfa fuq in-naha tax-xellug tieghu hekk kif gie biex jghaddi minn magenbha, il-konvenut stqarr li kif appena qala' minn pozizzjoni pparkjata max-xellug tat-triq, waqt li l-vettura tieghu kienet ghadha fil-karreggjata tax-xellug izda tipponta xi ftit 'il barra lejn ic-centru tat-triq, habtet mieghu vettura li giet minn warajh fit-triq.

[10] Dok. RS2 sa RS7.

Skont il-konvenut, huwa kien ipparkjat fil-pozizzjoni minnu mmarkata b'salib fuq is-site plan Dok. RS1 mal-genb xellugi tat-triq in kwistjoni, u meta gie biex jaqla' biex isuq fid-direzzjoni tar-roundabout iktar 'il quddiem, il-vettura QUE-148 giet minn warajh fl-istess triq u sar l-impatt. Jghid illi l-hsieb tieghu kien li jdur mar-roundabout biex imur jipparkja hdejn shabu li kienu pparkjati fuq in-naha l-ohra tat-triq, ezatt faccata ta' fejn huwa kien ipparkjat.

Il-konvenut jaqbel li l-vettura tieghu hadet l-impatt fuq in-naha tal-lemin, fil-bieba tax-xufier u iktar 'il quddiem. Din il-hsara tidher sew fir-ritratti li esebixxa l-konvenut (senjatament Dok. RS2, RS6 u RS7) fejn huwa wkoll evidenti illi l-impatt sehh fuq quddiem, naha tal-lemin tal-istess vettura u kkaguna hsarat estensivi.

Fir-rigward, Quelin Pace xehed illi huwa lanqas ra l-vettura l-ohra hierga min-naha tax-xellug tat-triq, u qala' d-daqqa hekk kif gie biex jghaddi magenb il-vettura pparkjata. Din il-verzjoni tinsab ulterjorment affermata mill-pozizzjoni tal-hsarat li garrbet il-vettura QUE-148 fuq in-naha tax-xellug fuq quddiem, u l-hsarat fuq quddiem, naha tal-lemin, tal-vettura tal-konvenut. Effettivament, il-hsarat estensivi subiti mill-vettura QUE-148, kif jidhru fir-ritratti formanti parti minn Summary Report[11] esebit fl-atti, jindikaw ukoll illi l-impatt li din il-vettura garrbet fuq in-naha tax-xellug fuq quddiem, kien wiehed ta' qawwa konsiderevoli li, fil-fehma tal-Qorti, huwa wkoll kompatibbli mal-mekkanizmu tal-kollizzjoni kif deskritt miz-zewg sewwieqa.

Kwantu ghall-hsarat sostanzjali li garrbet il-vettura QUE-148 fuq in-naha tal-lemin taghha, liema hsarat ikomplu sejrin san-naha ta' wara l-vettura, il-Qorti tqis li dawn huma konsonanti mal-impatt successiv li sar bejn l-istess vettura u l-vetturi RAE-148 u BBW-231 li kienu fuq in-naha l-ohra tat-triq, cioe` fuq in-naha tal-lemin tal-vettura QUE-148, meta bil-*momentum* tal-ewwel impatt bejn

[11] A fol. 85 *et seq*.

il-vettura QUE-148 u l-vettura HBT-194, il-vettura QUE-148 waqt li kienet, *in motion*, spiccat habtet maz-zewg vetturi fuq imsemmija.

Ikkunsidrat;

Applikati ghal dawn il-fatti l-konsiderazzjonijiet legali in materja, il-Qorti tqis illi huwa evidenti minn dak appena stabbilit, illi hawn si tratta ta' incident li sehh bejn vettura li kienet il-*main road user* (QUE-148) u vettura ohra (HBT-194) li invadiet it-trajettorja dritta tal-*main road user*. Jirrizulta illi fit-triq fejn sehhet il-habta hija triq li fiha t-traffiku jghaddi fiz-zewg direzzjonijiet. Huwa evidenti wkoll mis-*site plan*[12] u kif anke mistqarr mill-konvenut, illi t-triq in kwistjoni, hija wahda dritta u twila li toffri vizwali fit-tul anke ghal min, bhall-konvenut, ried johrog fit-triq minn pozizzjoni pparkjata.

F'dawn ic-cirkostanzi, huwa indiskuss illi l-konvenut kien obbligat, skont ir-regoli bazici tas-sewqan prudenti, illi qabel jaqla' mill-parking u jaqbad miexi fit-triq, jesplora sew it-triq u ma jazzardax jaghmel manuvri li fihom infushom jistghu jfixklu l-andament normali tat-traffiku ghaddej fit-triq, fosthom li jizbokka fit-triq, diment li jkun cert li dan jista' jsir minghajr riskju ta' incident.

Fil-kaz odjern, ghalkemm il-konvenut jghid illi huwa dar u hares izda ma ra xejn, din il-verzjoni ftit hija attendibbli tenut kont tal-karatteristici tat-triq kif tidher fir-ritratti esebiti minnu. Il-Qorti tifhem illi kieku verament hares u esplora sew it-triq qabel qala' mill-parking, il-konvenut ma setax ma jarax il-vettura tal-attur tiela' fid-direzzjoni tieghu kif del resto raha Wayne Cordina, li kkonferma illi huwa ra l-vettura Golf tiela' fit-triq qabel l-impatt. Ghalkemm dan ifisser illi l-konvenut kjarament naqas fl-obbligu li juza l-prudenza u diligenza mehtiega fit-twettiq ta' manuvra intiza biex tinvadi l-*flow* tat-traffiku fit-triq, il-Qorti trid tistabbilixxi wkoll jekk dan in-nuqqas jistax jitqies bhala l-kawza prossima tal-incident.

[12] Kif ukoll minn Dok. RS4 u RS7.

Ikkunsidrat;

Il-konvenut isostni illi l-incident sehh mhux ghaliex hu hareg b'mod inkonsult mill-parking ghal fuq it-triq ta' Hal Far, izda ghaliex il-vettura QUE-148 giet "*wrong-side*" fit-triq u habtet fil-vettura tieghu. Ghall-Qorti izda, huwa ftit spjegabbli kif dan it-tezi jista' jkun kompatibbli mal-fatt illi, kif iddikjara ghal darba darbtejn l-istess konvenut, meta sehh l-impatt huwa kien ghadu ma qabizx ic-centru tat-triq u kien ghadu fil-kareggjata tax-xellug fejn it-traffiku jitla' fid-direzzjoni tar-roundabout. Biex il-Qorti tista' taccetta li l-allegazzjoni tal-konvenut illi l-vettura QUE-148 kienet qed tinstaq fuq in-naha hazina tat-triq, trid taccetta wkoll illi l-habta saret lejn in-naha tal-lemin tat-triq, bil-korollarju necessarju illi l-vettura tal-konvenut ukoll kienet f'dak il-waqt, tinsab fuq in-naha l-ohra tat-triq. Izda accettat dan l-ipotesi, irid jigi accettat ukoll necessarjament illi t-tezi tal-atturi illi l-konvenut fil-waqt tal-habta kien qieghed iwettaq manuvra ta' *u-turn* biex jipparkja fuq in-naha l-ohra tat-triq fejn kien hemm shabu pparkjati, hija verosimili. Dan ghaliex kieku l-konvenut kien qieghed, kif del resto jsostni, hiereg mill-parking biex jibqa' tiela' ghad-dritt fit-triq fl-istess direzzjoni li fiha kien qed isuq l-attur, cioe` fid-direzzjoni tar-roundabout, ma kienx ikollu jinvadi n-naha tal-lemin tat-triq huwa u hiereg mill-parkegg, wisq anqas jahbat mal-vettura tal-attur kieku dan tal-ahhar kien verament qed isuq fil-karreggjata tat-traffiku rizervata ghall-vetturi nezlin fid-direzzjoni opposta.

Il-Qorti m'hijiex konvinta fic-cirkostanzi illi meta sehh l-impatt, il-konvenut kien ghadu hiereg mill-parkegg biex jibqa' sejjer ghad-dritt u jdur mar-roundabout, izda mill-gabra tal-provi hija fehmet illi effettivament, f'dak il-waqt il-konvenut kien beda jaqsam it-triq biex jibqa' sejjer dritt ghan-naha l-ohra fejn shabu kienu diga` pparkjati. Meta wiehed iqis ukoll illi d-daqqa fuq l-istess vettura HBT-194 saret fuq quddiem naha tal-lemin tal-vettura u bl-istess impatt, il-vettura QUE-148 spiccat tahbat f'zewg vetturi pparkjati fuq in-naha

tal-lemin tat-triq, il-Qorti fehmet illi l-habta bejn iz-zewg vetturi mhux talli saret meta l-vettura tal-konvenut kienet *at an angle* tipponta fid-direzzjoni generali tal-lemin tat-triq, talli saret iktar vicin dik in-naha tat-triq, kif del resto juri wkoll ir-ritratt Dok. RS7 esebit mill-konvenut stess. Minn dan ir-ritratt, huwa evidenti illi l-vettura tal-konvenut tinsab wisq vicin tal-vetturi pparkjati fuq il-lemin tat-triq biex tkun ta' konfort ghall-verzjoni tal-konvenut li huwa kien qala' mill-parking biex jibqa' sejjer ghad-dritt fid-direzzjoni tar-roundabout.

Izda fi kwalsiasi ipotesi, jibqa' l-fatt illi bil-manuvra tieghu ta' hrug minn pozizzjoni pparkjata minn mal-genb tat-triq, liema manuvra hija wahda li fiha nnifisha tfixkel l-andament ghad-dritt tal-utenti tat-triq principali, il-konvenut holoq ostakolu ghall-attur li l-istess attur ma setax jevita. Huwa wkoll manifest fil-fehma tal-Qorti illi din il-manuvra ta' hrug fuq il-*flow of traffic* evidentement twettqet mill-konvenut b'mod hesrem u minghajr ebda qies tal-obbligu inkombenti fuq il-konvenut biex izomm *a careful and proper lookout* tat-traffiku gej minn warajh fit-triq principali. Inoltre, il-fatt illi l-konvenut kien qed jaqsam mhux biss il-*flow of traffic* f'karreggjata wahda izda f'zewg karreggjati, oltre li jirrendi l-manuvra tieghu ferm iktar oneruza, iservi wkoll sabiex jissottolineja mhux biss in-negligenza u non-kuranza assoluta li biha twettqet il-manuvra, izda wkoll il-perikolu inerenti fl-istess manuvra, u dan minghajr qies tal-legalita` o meno tal-istess manuvra.

Ghalkemm il-Qorti tifhem li fic-cirkostanzi u fl-inhawi fejn gara l-incident *de quo*, illi l-attur Quelin Pace seta' ma kienx qed isuq b'velocita` konsiljata[13], ma tistax tirravviza fis-sewqan tieghu xi nuqqas li minghajru, seta' jigi evitat is-sinistru. Minn dak li fehmet il-Qorti u mir-ritratti esebiti mill-konvenut, ghalkemm il-vettura QUE-148 spiccat tahbat f'zewg vetturi ohrajn u kkagunatilhom hsarat sostanzjali, jidher li dan ma setax kien dovut **unikament** lill-*momentum* qawwi tal-impatt bejn il-vetturi tal-partijiet kontendenti, izda

[13] Quelin Pace xehed li kien ghaddej b'velocita` "*sittin jew sebghin*".

wkoll, in parti, ghall-prossimita` relattiva tal-vettura QUE-148 ghan-naha tal-lemin tat-triq.

Izda f'kull kaz, il-Qorti ma tqisx illi dan il-fatt jista' jservi biex jiskolpa lill-konvenut mir-responsabbilita` unika ghas-sinistru: anke kieku verament il-vettura QUE-148 kienet qed tinstaq dak il-hin iktar lejn il-lemin tat-triq u b'velocita` elevata, dan ma jista' jnaqqas xejn mir-responsabbilita` tal-konvenut u lanqas jista' jitqies bhala fattur kontributorju ghas-sinistru, anzi sservi sabiex tirrendi iktar gravi u grossolan in-nuqqas ta' attenzjoni murija mill-konvenut, ghaliex ifisser li kellu opportunita` iktar ampja biex jara l-vettura tal-attur u jiehu tempestivament xi azzjoni evaziva. In effetti, fil-fehma tal-Qorti, dan juri li l-konvenut lanqas biss hares warajh f'xi waqt qabel jew waqt il-manuvra tieghu.

Konformement, il-*causa causans* tal-impatt bejn il-vetturi QUE-148 u HBT-194 jibqa' esklussivament il-manuvra tal-konvenut li qala' mill-parkegg u invada t-triq principali bl-iktar mod imprudenti u minghajr ma ha ebda prekawzjoni, bil-konsegwenza li huwa baqa' diehel f'vettura li kienet qed tinstaq ghad-dritt fl-istess triq. F'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti ma tqisx illi huwa sodisfacjentement ippruvat li l-attur kien *a main road abuser,* anke ghaliex jirrizulta manifest mill-gabra tal-provi kollha illi filwaqt li l-manuvra tal-konvenut kienet wahda inaspettata u mwettqa bla ebda kont tac-cirkostanzi tat-triq u tal-obbligi ta' sewqan prudenti, l-attur Quelin Pace kellu kull dritt jippretendi li t-triq quddiem tkun *clear* u libera minn ostakoli u ma kellu ebda obbligu lanqas li jqis u jivverifika l-manuvri ta' vetturi hergin minn parkegg jew jaqsmu t-triq principali. Setghet kienet differenti l-pozizzjoni kieku jirrizulta mill-provi li l-attur kien osserva l-vettura tal-konvenut minn distanza sufficjenti sabiex jiehu azzjoni evaziva tempestiva liema azzjoni, izda, falliet minhabba sewqan b'velocita` eccessiva.

## DANNI

Ghalkemm fir-Risposta tieghu il-konvenut Rutger Scriha jeccepixxi illi l-*quantum* tad-danni pretiz mis-socjeta` attrici huwa kontestat, huwa ma segwiex din l-eccezzjoni b'kontestazzjoni effettiva tal-provi mressqin mis-socjeta` attrici. Effettivament, gie ppruvat mix-xhieda ta' Stephen Gauci illi hejja s-*summary report* (Dok. MV) fuq inkarigu tas-socjeta` attrici, huwa kien ikkwantifika l-valur tal-hsarat li kellha l-vettura QUE-148 u fil-fehma tieghu, kieku l-vettura giet imsewwija kienu jinqalghu iktar problemi. Konsegwentement, huwa qies il-vettura QUE-148 bhala *beyond economical repair* u rrakkomanda li l-vettura ma tissewwiex.

Kif inghad, il-konvenut ma ressaq ebda provi biex jikkontesta effettivament illi l-valur tal-vettura kif stmata mis-surveyor, cioe` fis-somma ta' €12,500 kien eccessiv jew illi l-hsarat subiti ma kienux fil-valur indikat fis-survey. F'kull kaz ix-xhud Stephen Gauci kkostata li l-valur indikat fl-istess rapport[14] bhala wiehed gust.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-valur tal-vettura kif stmat, u kwindi l-*cash settlement* li jirrizulta li thallas lil jew fl-interess tal-attur Quelin Pace fl-istess valur, cioe` fis-somma ta' €12,500, kien wiehed gust. Izda fl-istess hin trid tiehu qies tax-xhieda ta' Stephanie Borg li kkonfermat li s-socjeta` attrici gabret is-somma ta' €800 ghar-wreck tal-vettura QUE-148[15] u ghalhekk, ghalkemm huwa minnu li s-socjeta` attrici ppruvat li hija hallset lill-assikurat taghha Quelin Pace is-somma ta' €12,500[16], is-somma li hija rkuprat mill-valur tar-*wreck* kif ukoll is-somma li thallset mill-assikurat taghha Quelin Pace in linea ta' *excess payment* fuq il-*claim* relattiv[17] trid titnaqqas mill-ammont li qed

---

[14] Il-valur totali tal-hsarat indikat fir-rapport huwa ta' €10,107.43, filwaqt illi l-valur tal-vettura huwa ta' cirka €12,500.

[15] Vide fol. 45.

[16] Ara *discharge form* Dok. SB1, kif ukoll Dok. SB2 sa SB4 a fol. 40 sa 43 tal-atti.

[17] €100, skont Dok. SB5 a fol. 44.

tirreklama l-istess socjeta` attrici f'din il-kawza hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-istess assikurat taghha.

Ghaldaqstant, billi l-attur Quelin Pace thallas *in toto* il-valur tal-vettura tieghu minghand is-socjeta` assikuratrici tieghu, cioe` s-socjeta` attrici, u l-istess socjeta` attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha fir-rigward tad-danni subiti bhala rizultat tal-incident *de quo*[18], is-somma li hija dovuta lis-socjeta` attrici hija ta' €11,800 filwaqt li s-somma li hija dovuta lill-attur Quelin Pace, hija ta' €100.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghas-socjeta` Atlas Insurance PCC Limited, ghalkemm hija kontumaci f'dawn il-proceduri[19], dan ma ghandux jitfisser bhala ammissjoni tar-responsabbilita` taghha ghall-hlas tad-danni. Madanakollu, mill-okkorrenza tal-incident in dizamina[20] jirrizulta illi l-vettura HBT-194 kienet, fiz-zmien tal-istess incident cioe` fil-5 ta' Novembru 2017, assikurata taht polza mahruga minn Atlas Insurance PCC Limited liema polza jidher li kienet fis-sehh sal-31 ta' Awwissu 2018, u l-istess socjeta` konvenuta ma ressqet ebda provi biex turi li din l-indikazzjoni li saret fl-okkorrenza m'hijiex korretta. Konsegwentement, b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 9A tal-Kapitolu 104 li jaghtu lid-danneggjat dritt ta' azzjoni direttament fil-konfront tal-assikuratur awtorizzat, f'dan il-kaz is-socjeta` konvenuta Atlas Insurance PCC Limited, il-Qorti hija tal-fehma li l-atturi korrettement indirizzaw l-azzjoni odjerna wkoll fil-konfront tas-socjeta` konvenuta u illi s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata ghall-hlas tad-danni sofferti bhala konsegwenza tal-incident in dizamina li, kif stabbilit, kien unikament responsabbli ghalih l-assikurat taghha l-konvenut Rutger Scriha.

---

[18] Fol. 21. u fol. 40.
[19] Notifikata fid-9 ta' Marzu 2018, fol.34 *tergo*.
[20] Fol. 108.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' limitatament it-talba tal-atturi, tiddikjara li l-konvenut Rutger Scriha huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fil-5 ta' Novembru 2017 gewwa Birzebbugia, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBT-194 misjuqa mill-istess konvenut u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni QUE-148 msjuqa mill-attur Quelin Pace u assikurata mis-socjeta` attrici MAPFRE Middlesea plc, u tikkundanna lill-istess konvenut u lis-socjeta` konvenuta Atlas Insurance PCC Limited *in solidum* biex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hdax-il elf u tmien mitt Euro (€11,800) u lill-attur Quelin Pace is-somma ta' mitt Euro (€100), rapprezentanti danni minnhom sofferti bhala konsegwenza ta' dan l-incident awtomobilistiku, bl-imghax mid-data tal-prezentata tar-Rikors promotur li hija d-data tal-ewwel sejha gudizzjarja, cioe` l-1 ta' Marzu 2018, u bl-ispejjez kontra l-konvenuti ukoll *in solidum*.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**